**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 23 ta' Lulju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**-vs-**

**Francine Cini, bint Joseph u Grace nee` Buttigieg, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar it-12 ta' Novembru, 1985, u residenti 96, Triq il-Belveder, Qala, Ghawdex, u detentrici tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 886G**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Francine Cini u cioe` talli:

> Nhar it-15 ta' Marzu, 2021, fil-granent, gimghat u xhur ta' qabel, minn gewwa Qala Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer, bi diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Bil-hsieb li testorca flus jew xi haga ohra, jew li taghmel xi qliegh jew bil-hsieb li gieghel persuna ohra tesegwixxi, tiddustriggi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos, milli taghmel xi haga, heddedt li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lill-Rene' Barun u dan bi ksur tal-artikolu 250(1)(2) tal-Kap. 9. tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi** uzat vjolenza, inkluz vjolenza morali, u/jew psikologika, u/jew sfurzar, sabiex igieghel lil Rene' Barun, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew sabiex inaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew jizola talli persuna jew jillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg u dan bi ksur tal-artikolu 251(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi** gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Rene' Barun u dan bi ksur tal-artikolu 251A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi** permezz ta' xi network jew appart ta' kommunikazzjoni elettronika, heddiedt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadan, jew bil-hsieb li gieghel lil Rene' Barun, jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew heddedt li takkuza jew li taghmel ilment kontra tieghu, jew biex timmalfamah jew xi persuni ohra jew ghamlet uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artiklu 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli kommettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqha mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex b'sentenza moghtija nhar il-15 ta' Dicembru 2020 liema sentenza saret definittiva w ma' tistax tigi mibdula.

U aktar talli nhar 15 ta' Marzu, 2021, waqt li kienet qeghda fil- Qala, Ghawdex, u/jew fi dawn il-Gzejjer matul il-granet u l-gimghat ta' qabel;-

6. Naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. Monica Vella LL.D.) b'digriet ta' nhar il-21 ta' Frar, 2021, u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija Francine Cini u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputata kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fi kaz ta' htija titratta mal-imputata bhala recidiva u dan ai termini tal-artikli 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmi Rene' Barun u l-familja tieghu, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412 C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li jidhrilha li huma xierqa.

Il-qorti giet mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Rene' Barun u l-familja tieghu sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffista mill-Qorti.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikoli.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat-
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputata wiegbet li hi hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali mzewwqa taghha, tal-ammissjoni pjuttost bikrija taghha, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Il-Qorti hija disposta taghti cans ahhari lill-imputata biex tindirizza l-izballji taghha, terga' titpogga fit-triq it-tajba w tibda kapitlu gdid li jzommha l-boghod mill-ghatba tal-habs.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 250, 251, 251A u 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 49 tal-Att Biex Jirregola t-Telekommunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggiha taht **ordni ta' probation ghal tlett (3) snin millum**.

Inoltre` ai termini tal-imsemmi artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) rapprezentanti parti mill-ammont tal-garanzija hekk kif indikat fid-digriet

ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Onor. Magistrat Dr. Monica Vella LL.D. datat nhar il-21 ta' Frar, 2021.[1]

Wara li rat l-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti **qeghda testendi** s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Dicembru, 2020, ta' **tmien (8) xhur prigunerija** sospizi ghall-sena (1), ghal sena ohra li tibda tiddekorri millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, tas-sentenza sospiza kif estiza kif ukoll jekk ma ssegwix id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputata ghaf-favur ta' Rene Barun u l-familjari tieghu ghal zmien tlett (3) snin millum.

Kopja ta' dina is-sentenza u l-ordni ta' Probation ghandhom jintbghatu lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] **Dok.BCS3** a fol.13